MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-11 ta' Diċembru, 2006

Numru. 17/2006

Il-Pulizija
(Sp Mario Bonello)
vs
Jeffrey Grech, iben Carmelo, imwieled San Ġiljan fl-1 ta' novembru, 1972

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-4 ta' jannar, 2006 għal ħabta tat-3.30 p.m. ġewwa l-Ħamrun bil-ħsieb li jagħmel offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stephen Sciberras wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. talli fl-istess perjodu, żmien, lok u ċirkostanżi kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Stephen Sciberras skond kif iċċertifika Dr. Robert Cassar M.D.;
3. talli fl-istess perjodu, żmien, lok u ċirkostanżi hedded lill-imsemmi Stephen Sciberras b'oġġett iebes (kanna);

4. talli fl-istess perjodu, żmien, lok u ċirkostanżi kiser il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
5. talli fl-istess perjodu, żmien, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, billi kiser in-nuċċali ta' l-imsemmi Stephen Sciberras liema ħsara tiskorri s-somma ta' ħamsin liri maltin għad-dannu ta' l-imsemmi Stephen Sciberras;
6. talli fl-istess perjodu, żmien, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioe' għamel ħsara fil-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni LCI 902, tal-marka FIAT Duplo, liema ħsara tiskorri s-somma ta' ħamsin liri maltin għad-dannu ta' Vincent Attard.
Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tagħti l-piena skond il-liġi, biex tipprovdi għas-sigurta' ta' l-imsemmi Stephen Sciberras, billi torbot lill-imsemmi Jeffrey Grech b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali li jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat għandu pet shop il-Ħamrun, fil-waqt li hu flimkien ma martu u it-tfal joqogħdu l-Gżira.

Illi fl-4 ta' jannar, 2006 għal ħabta tat-3.00 p.m. mart l-imputat Vincenza Grech, qalet lil żewġha, l-imputat, li hi kienet sejra l-ħanut tagħlef lill-annimali u li kienet sejra l-Ħamrun bil-karozza tal-linja. Fil-fatt hi hekk għamlet. Ftit wara l-imputat ried jitma' l-kelb iżda billi l-ikel tal-kelb kien spiċċa ddeċida li jmur il-Ħamrun bil-van tiegħu u hekk għamel u ħa liż-żewġ titfal miegħu.

Illi Vincenza Grech xehdet li hi marret il-ħanut għaliex fthemet ma Stephen Sciberras li hu kellu jikkonsenja xi xogħol. Fiil-fatt huma ltaqgħu l-pet shop iżda billi hi ma kellhiex il-flus hu ma kkonsenja xejn. Meta kienu hemm hu talbet lil Stephen Sciberras biex jitla fuq u jagħmillha pjaċir billi jniżżel xkora b'annimal mejjet. Hu tela fuq u fil-mument li kien fuq tfaċċa l-imputat. Hu sab iż-żewġ bibien tal-ħanut imsakkra u għalhekk kellhu jiftaħ biċ-ċavetta tiegħu.

Illi l-imputat daħal fil-ħanut u beda jgħajjat li hu ried lil Stephen Sciberras barra mill-ħanut immedjatament. Stephen Sciberras irrisponda minn fuq li hu kien nieżel iżda l-imputat qabad kanna u tela fuq. Hawnhekk, hemm żewġ versjonijiet. L-imputat xehed li hu tela fuq bil-kanna f'idu, Stephen Sciberras prova jimbutta t-taraġ u kien għalhekk li tah daqqa ta' kanna. Stephen Sciberras wara li qala d-daqqa ta' kanna talab lill-imputat biex ixarrab wiċċu, l-imputat ma riedx u tah daqqa ta' ponn ukoll.

Illi Stephen Sciberras u Vincenza Grech taw versjoni oħra. Huma qalu li l-imputat qabad il-kanna f'idu, tela fuq, fejn kien hemm Stephen Sciberras u beda jtih bil-kanna, bil-ponn u bis-sieq. Konsegwenza ta' din l-aggressjoni Stephen Sciberras spiċċa li sofra ġrieħi ta' natura ħafifa. Minbarra dan hu sofra ħsara fin-nuċċali tiegħu ta' tlett liri maltin (Lm3).

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-versjoni ta' Stephen Sciberras hi aktar kredibbli. Mill-ġbir tal-provi ħareġ li l-imputat kellu suspett li Stephen Sciberras kien qed joħroġ ma martu u wieħed jista' jimmaġina x'għadd mir-ras l-imputat meta sab il-van ta' Stephen Sciberras barra l-ħanut u il-ħanut imsakkar.

Illi għalkemm wieħed jista' jifhem lill-imputat iżda l-aġir tiegħu ma jistax jiġi tollerat. Dan joħroġ mill-fatt li meta daħal fil-ħanut ma sab xejn li seta' jagħti lok għal suspett li martu u Stephen Sciberras kienu f'xi atteġjamenti ntimi. Il-buon sens kien jirrkjedi biss li l-imputat jitlob bil-qawwa kollha li Stephen Sciberras joħroġ minn dak il-fond.

Illi mill-provi prodotti ma hemm ebda prova li l-imputat għamel xi ħsara fil-van ta' Vincent Attard.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel u tas-sitt akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 221(1), 325(1)(d), 338(dd) u 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' tlett xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Rat l-artikoli 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' tlett liri maltin (Lm3) danni lil Stephen Sciberras fi żmien xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------